# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Kumpilazzjoni Numru 525/17YMS

Il-Pulizija

(Spettur Hubert Cini)

Vs

Christopher Briffa (K.I. 392991 M)

Illum 30 ta' Mejju 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Christopher Briffa, ta' sitta u għoxrin(26) sena, iben Victor u Marie Magdalen xebba Bell, imwieled Haz-Zabbar nhar it-tlieta u għoxrin (23) ta' Lulju, tas-sena elf disa' mija u wieħed u disgħin (1991) residenti 32, Citronella, Triq Marju Schembri, Tarxien, u detentur tal-karta tal-identita' numru 392991 M , talli:

Fil-23 ta' Novembru, 2017 għall-ħabta ta' 00:35 hrs u 00:45 hrs ġewwa Triq Lampuka, Paola.

1. Bil-ħsieb li jagħmel delitt u cioe' delitt ta' serq ġewwa il-fond maghuf bħala Mons. Xuereb, Triq Lampuka, Paola, wera dan il-ħsieb b' atti esterni u ta' bidu għall-eżekuzzjoni ta' dan id-delitt liema delitt ma ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu u li kieku seħħ kien ikun ikkwalifikat, bil-mezz, bil-valur li jeċċedi il-232.94 Euros, bil-ħin u bil-lok għad-dannu ta' Fr. Kan. Dun Mark Andre' Camilleri, u /jew persuna/i oħra. *Art. 41, 261 (b) (c) (e) (f), 263 (a)). 267, 269 (a), 270* tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Talli fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkostanzi, bil-ħsieb li jagħmel delitt u cioe' delitt ta' dħul b' abbuż fi propjeta' magħruf bħala Mons. Xuereb, Triq Lampuka, Paola, jew lok ieħor jew f' reċint b' wieħed bil-mezzi msemmijin fl-artikolu 264, 265 u 266, għalkemm ma jkun hemm ebda' prova ta' att li jikkostitwixxi attentat ta' reat ieħor, għall-fatt biss tad-dħul hawn imsemmi, meta mic-ċirkostanzi kien jihder li l-ħsieb tal-hati kien li jagħmel serq jew ħsara lil propjeta' jew xi reat kontra l-persuna kif definit fl-artikolu 5(1)(d), inkella meta kien ġa ġie ikkundannat għal xi reat minn dawn jew għal wahda mill-kontravvenzjonijiet imsemmijin fl-artikolu 338 (i) u (w), wera dan il-ħsieb b' atti esterni u ta' bidu għall-ezekuzzjoni ta' dan id-delitt liema delitt ma ġiex ezegwit minhabba xi ħaġa accidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu u dan bi ksur tal-Artikolu 330, tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

3. Talli fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkostanzi, fil-fond Mons. Xuereb, Triq Lampuka, Paola, b' mezzi xort' oħra minn dawk imsemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, volontarjament ħassart, jew, ghamilt ħsara jew għarraqt ħwejjeg ta' Fr. Kan. Dun Mark Andre' Camilleri, mobbli jew immobbli għal dannu ta' aktar minn € 23.29 rispettivament u dan bi ksur tal-Artikli 325 (1)(c) tal-Kodiċi Kriminali tal-Kap. 9.

4. Talli fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkostanzi, bħala persuni ikkundannati f' Malta għal serq, jew għal ricettazzjoni, instab fil-pussess ta' oggetti oħra, li

ma kienux tal-kondizzjoni tiegħu, mingħajr ma kont sodisfacjenti ta' kif ikunu ġew legittimament għandu kif ukoll instabu għandu mfietah, imqabblin jew iffalsifikati, jew għoddod oħra tajbin għal ftuh jew sgassar ta' serraturi, jew jinstabu għandu forom ta' serraturi, mingħajr ma ta' kont sodisfaċċjenti għal liema skop legittimu jinstabu għandu f' dak iż-żmien, u dan bi ksur tal-Artikolu 287 tal-Kodiċi Kriminali tal-Kap. 9.

5. Talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kiser il-provvedimenti tal-Kap. 466 Artikolu 22 tal-Ligjiet ta' Malta imposti fuqu b' sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat Dr Joseph Mifsud LL.D. datata 10 ta' Novembru, 2017, liema sentenza saret definittiva u ma tistgħax tinbidel: *Artikoli 22 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta.*

6. Talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi irrenda ruhu reċidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta b' sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħiux jinbiddlu.

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni  sabiex f' każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkuzat għall-hlas ta' spejjez li jkollhom x' jaqsmu mal-ħatra ta' esperti u periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex barra milli tapplika il-piena skont il-liġi, tapplika wkoll l-artikoli 383 u 412 c tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta għas-sigurta' ta' Fr. Kan. Dun Mark Andre' Camilleri.

Rat id-dokumenti eżebiti mill-Prosekuzzjoni, ossia rapport tal-pulizija relattivi għal imputazzjonijiet formanti l-mertu ta' dawn il-proċeduri[1], iċ-ċertifikat tat-twelid tal-imputat[2], id-dikjarazzjoni bil-miktub li l-imputat ġie mgħarraf bid-

[1] Fol. 4-5
[2] Fol. 6

dritt tiegħu li jikkonsulta avukat ta' fiducja tiegħu[3], l-istqarrija tal-imputat[4], il-fedina penali tal-imputat[5].

Rat li l-Avukat Generali fil-24 ta' Novembru, 2017 taha il-kunsens tiegħu sabiex il-każ jiġi trattat bil-proċedura sommarja skont l-Artikolu 370(4) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.[6]

Rat li fis-seduta tal-24 ta' Novembru, 2017 id-difiża ma kontestatx l-validita' ta' l-arresst u għaldaqstant l-Qorti tqis li huwa ġustifikat u tikkonvalida l-istess arrest;

Rat li l-imputat, filwaqt li ddikjara li ma għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja, wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu[7];

Rat li fis-seduta tal-24 ta' Novembru, 2017 il-Qorti, wara li l-imputat talab għal ħelsien mill-arrest, wara li rat l t-talba ma ġietx opposta mill-Ufficjal Prosekutur jekk jkun hemm kundizzjonijiet stretti tal-ħelsien mill-arrest fuq l-imputat stante li huwa segwit minn familja laqgħet it-talba għal Helsien mill-Arrest u imponiet kundizzjonijiet fuq l-imputat oltre garanzija personali ta' tlett elef (€ 3000) ewro.[8]

Rat li fil-24 ta' Novembru 2017 l-Qorti imponiet ordni ta' protezzjoni fil-konfront ta' Fr. Kan. Dun Mark Andre' Camilleri[9]

[3] Fol. 7
[4] Fol. 8-9
[5] Fol. 10
[6] Fol. 3
[7] Fol. 15
[8] Fol. 16
[9] Fol. 18

Semgħet ix-xhieda ta' PS 1444 Kenneth Brigniano[10] u PS 1336 Luke Vella Casha[11] mogħtija waqt is-seduta tal-10 ta' April, 2018, ta' PC 1554 Noel Decesare[12] li ezebixxa Dok ND 1 sa 3 u PC 8 Tyrone Bugeja[13] waqt is-seduta tas-16 ta' Ottubru 2018, tal-Ispettur Hubert Cini li ippreżenta ritratt Dok HC u lista HC 1 fis-seduta tal-10 ta' Mejju, 2022, ta' Stefania Calafato Testa li ipprezentat verbal Dok SCT fis-seduta tal-5 ta' Lulju, 2022;

Rat li fis-seduta tal-10 ta' Mejju, 2022 id-difiża eżentat li jigu prodotti x-xhieda PC 961 u PC 1400;

Rat li fil-5 ta' Lulju, 2022 l-prosekuzzjoni għalqet il-provi taghha fis-seduta tal-5 ta' Lulju, 2022 u li d-difiża għalqet il-provi u li l-imputat jagħżel li ma jixhidx f'dawn il-proċeduri;

Rat li l-Prosekuzzjoni u d-Difiża talbu li l-kawża tibqa' għas-trattazzjoni;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet fis-seduta tat-8 ta' Novembru, 2022;

Rat ix-xhieda, id-dokumenti u l-atti kollha tal-kawża

**Ikkunsidrat**

L-imputat qed jiġi mixli talli Fil-23 ta' Novembru, 2017 għall-ħabta ta' 00:35 hrs u 00:45 hrs ġewwa Triq Lampuka, Paola (1) Bil-ħsieb li jagħmel delitt u cioe' delitt ta' serq ġewwa il-fond maghuf bhalla Mons. Xuereb, Triq Lampuka, Paola, wera dan il-ħsieb b' atti esterni u ta' bidu għall-ezekuzzjoni ta' dan id-delitt liema delitt ma ġiex ezegwit minhabba xi ħaġa accidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu u li kieku

[10] Fol. 25-27
[11] Fol. 28-31
[12] Fol. 32 - 35
[13] Fol. 40-45

seħħ kien ikun ikkwalifikat, bil-mezz, bil-valur li jeccedi il-232.94 Euros, bil-ħin u bil-lok għad-dannu ta' Fr. Kan. Dun Mark Andre' Camilleri, u /jew persuna/i oħra. *Art. 41 261 (b) (c) (e) (f), 263 (a)). 267, 269 (a), 270* tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta. (2) Talli fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkostanzi, bil-ħsieb li jagħmel delitt u cioe' delitt ta' dħul b' abbuż fi propjeta' magħruf bħala Mons. Xuereb, Triq Lampuka, Paola, jew lok ieħor jew f' recint b' wieħed bil-mezzi msemmijin fl-artikolu 264, 265 u 266, għalkemm ma jkun hemm ebda' prova ta' att li jikkostitwixxi attentat ta' reat ieħor, għall-fatt biss tad-dħul hawn imsemmi, meta mic-ċirkostanzi kien jihder li l-ħsieb tal-hati kien li jagħmel serq jew ħsara lil propjeta' jew xi reat kontra l-persuna kif definit fl-artikolu 5(1)(d), inkella meta kien ġa ġie ikkundannat għal xi reat minn dawn jew għal wahda mill-kontravvenzjonijiet imsemmijin fl-artikolu 388 (i) u (w), wera dan il-ħsieb b' atti esterni u ta' bidu għall-ezekuzzjoni ta' dan id-delitt liema delitt ma ġiex ezegwit minhabba xi ħaġa accidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu u dan bi ksur tal-Artikolu 330, tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta. (3) Talli fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkostanzi, fil-fond Mons. Xuereb, Triq Lampuka, Paola, b' mezzi xort' oħra minn dawk imsemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, volontarjament ħassart, jew, ghamilt ħsara jew gharraqt hwejjeg ta' Fr. Kan. Dun Mark Andre' Camilleri, mobbli jew immobbli għal dannu ta' aktar minn € 23.29 rispettivament u dan bi ksur tal-Artikli 325 (1)(c) tal-Kodiċi Kriminali tal-Kap. 9. (4) Talli fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkostanzi, bħala persuni ikkundannati f' Malta għal serq, jew għal ricettazzjoni, instab fil-pussess ta' oggetti oħra, li ma kienux tal-kondizzjoni tiegħu, mingħajr ma kont sodisfacjenti ta' kif ikunu ġew legittimament għandu kif ukoll instabu għandu mfietah, imqabblin jew iffalsifikati, jew ghoddod oħra tajbin għal ftuh jew sgassar ta' serraturi, jew jinstabu għandu forom ta' serraturi, mingħajr ma ta' kont sodisfaccjenti għal liema skop legittimu jinstabu għandu f' dak iż-żmien, u dan bi ksur tal-Artikolu 287 tal-Kodiċi Kriminali tal-Kap. 9. (5) Talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kiser il-provvedimenti tal-Kap. 466 Artikolu 22 tal-Ligjiet ta' Malta imposti fuqu b' sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat Dr Joseph Mifsud LL.D. datata 10 ta' Novembru, 2017, liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tinbidel: *Artikoli 22 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta.* (6) Talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi irrenda ruhu recidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta b' sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbiddlu.

L-imputat wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu.

**Xhieda**

**PS 1444 Kenneth Brigniano**[14] xehed li fit-23 ta' Novembru, 2017 għal ħabta ta' s-siegħa neqes kwart (00:45 hrs) kien patrol minn ġewwa Triq il-Knisja, ġewwa Rahal Gdid peress li dak iz-żmien kien qed isir xi serq mill-knejjes. Kif ġew kanuniera ma Triq Lampuka, ħarsu mal-gemb u raw xi ħaġa (qisa ġarbage bag) ma' bieb fil-ġemb. Irriversjaaw u raw persuna tinqala' minn mal-bieb, taqsam ghat-triq u telaq għal ġo Triq Guze Damato. Laħqu lil din il-persuna li rriżulta li kien l-imputat Christopher Briffa li qed jagħraf fl-awla. Jixhed li meta l-imputat ġie mistoqsi x' kien qed jagħmel irrispondiehom li kien għadu ġej mix-xoghol. Għamlulu tfittxija fil-baskett li kien qed iġorr fejn instabu għodda fosthom turnaviti, spanner, siringa mhux użata, żewg pimli diaxit issiġillati. Żammew l-imputat hemm u mar jiċċekja l-bieb fejn kienu rawh l-ewwel darba. Fuq l-istat tal-bieb jixhed "stajt ninnota li kien hemm daqqiet ta' sġass friski, kif ukoll frak għadhom fuq it-tarġa."[15] Marru lura, inqala' battibekk bejn il-pulizija u l-imputat u l-imputat ġie immanettjat u ġie infurmat li kien taht arrest. Ftit wara wasal l-Ispettur James Grech li kien duty officer ic-CID li tah id-drittijiet tiegħu u mbgħad ġiet infurmata l-għassa ta' Rahal Gdid u l-imputat ttiehed minn naha tagħhom.

**PS 1336 Luke Vella Casha**[16] jixhed li fit-23 ta' Novembru, 2017 kien stazzjonat l-għassa Rahal Gdid night duty watch meta għal ħabta ta' s-siegħa nieqsin kwart (00:45 hrs) cemplulu mill-Control Room u infurmawh li tal-RIU kienu għadhom kif qabdu persuna ġewwa Triq Lampuka, Rahal Gdid suspettat li kien għadu kemm jipprova jisgassa l-bieb ta' l-Kapillan. Jgħid li r-rapport li kien dahal li kien ipprova jisġassa bieb li jaghti għal knisja. Mar fuq il-post fejn sab diversi membri tal-RIU

---

[14] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-10 ta' April 2018, fol. 25 -27 tal-proċess
[15] Fol. 26
[16] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-10 ta' April 2018, fol. 28-31tal-proċess.

fosthom is-surgent PS 1444 li infurmawh li kienu għadhom kemm arrestaw lil imputat. Il-bieb li kien jaghti għal knisja irrizulta li kienet ir-residenza tal-kappillan. Ix-xhud arresta lil imputat u għamillu rċevuta tal-affarijiet kollha li kellu ġol-basket li kien qed igorr miegħu. L-imputat iffirma l-elenku u taha kopja lil Ispettur Cini. Jagħraf l-imputat fl-awla.

**PC 1554 Noel Decesare**[17] jixhed li fit-23 ta' Novembru, 2017 għal ħabta ta' siegħa nieqes kwart (00:45 hrs) waqt li kien stazzjonat l-għassa ta' Rahal Gdid irċevew telefonata mill-RIU li qabdu persuna li allegatament kien qed jipprova jiftah xi bieb fi Triq Lampuka Rahal Gdid. Meta mar fuq il-post flimkien ma PC 1554 Noel Decesare u PS 1336 u sabu lil imputat Christopher Briffa, li qed jagħraf fl-awla u ħaduh l-għassa ta' Rahal Gdid. Ix-xhud jikkonferma dak li xehed PS 1336 Luke Vella Casha. Ix-xhud jezebixxi sett ritratti li ha hu stess. Ir-ritratti jikkonsistu f' ritratti tal-bieb ta' wara s-sagristija ta' Triq il-Lampuka li kellu xi daqqiet fuqu ( ritratti eżebiti a Fol. 37 sa 39).

**PC 8 Tyrone Bugeja[18],** ix-xhud huwa stazzjonat RIU (Rapid Intervention Unit) jixhed li fit-23 ta' Novembru, 2017 għal ħabta ta' nofs il-lejl nieqes kwart (00:45 hrs) kien patrol u kienu qed iduru l-knejjes peress li dak iz-żmien kien hemm hafna serq fil-knejjes. Jixhed li waqt li kienu qed iduru l-knisja ta' Rahal Gdid ra "persuna kokka qisu qed jipprova jiftah bieb". Il-bieb kien fuq wara tal-knisja, ie fi triq parallela fuq wara, Triq Lampuka. Jixhed "U waqafna biex naraw ezatt x' inhu jagħmel, x' ħin induna bina, qam, meta qam kellna nidhlu bicca one way, hu inhasad, qisu kien gej lejna u reġa' mexa' għal triq oħra."[19] Hu kien fil-vettura ma PS 1114. Waqfu din il-persuna fil-kanutinera tat-triq u qalhom ismu, Christopher Briffa, l-imputat, li qed jagħraf fl-awla. Jixhed "U staqsejnieh x' inhu jagħmel hawn u qalilna għadni gej mix-xoghol, kien qed jahdem f' ġaraxx bħala mekkanik. Is-Surgent sa dan it-tant mar jiccekja l-bieb. Ix-xhud raha It-traċċi fuq il-bieb rahom wara. Jikkonferma li l-bieb in

---

[17] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-16 ta' Ottubru 2018, fol. 32 – 36 tal-proċess
[18] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-16 ta' Ottubru 2017, fol. 40 – 45 tal-proċess
[19] Fol. 42

kwistjoni huwa dak muri fir-ritratt eżebiti Dok ND 1 sa 3. Jixhed li fil-baskett li kellu l-impuutat sabu oggetti li setghu jintuzaw għall-isgass bħal spanner, turnavit.

**Spettur Hubert Cini**[20] ippreħenta lista tal-oggetti li kienu fil-basket li ġie elevat (Dok HC 1) u ritratt tal-basett li kellu l-imputat meta ġie arrestat (Dok HC).

**Stephania Calafato Testa**[21]**, fil-kapacita' taghha ta' Assistant Registratur Qorti Kriminali u Tribunali** li ppreżentat verbal 10 ta' Novembru, 2019 mill-Maġistrat Onor. Dr. Joseph Mifsud fil-konfront tal-imputat. Tixhed li l-proċess ma nstabx, ghamlu ricerka jekk kienx hemm appell minn din is-sentenza u ħarget il-verbal mis-sistema Dok SCT.

**Ikkunsidrat**

Illi għas-sejbien ta' ħtija kriminali il-Qorti trid ikollha ċertezza morali dwar il-ħtija tal-imputat, fi kliem ieħor trid tkun konvinta lil ħinn minn kull dubju dettat mir-raġuni mill-provi imressqa mill-Prosekuzzjoni, u li dawn il-provi ma jkunux ġew newtralizzati mid-difiża fuq bażi ta' probabbilta`. Din iċ-ċertezza trid tkun tkun radikata f'eżami sħiħ u diliġenti tal-evidenza u s-sottomissjonijiet kollha miġjuba, tal-provi kollha ta' kull xorta li jkunu tressqu quddiemha u li jifformaw parti mill-atti proċesswali, u f'xejn iktar jew inqas minn hekk. Il-liġi penali ma teħtieġx li biex persuna tiġi misjuba ħatja il-ġudikant irid ikun assolutament ċert dwar il-ħtija u dan għaliex dan il-livell ta' prova mhux faċli jintlaħaq. Iċ-ċertezza morali, diversament miċ-ċertezza assoluta, hija l-ogħla threshold ta' prova li l-liġi teħtieġ fl-ordinament ġuridiku tagħna sabiex Qorti ta' ġustizzja kriminali tkun tista' ssib persuna akkużata

[20] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-10 ta' Mejju 2022
[21] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-5 ta' Lulju 2022

ħatja ta' reat kriminali. Jinkombi għalhekk fuq il-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex dan il-grad tal-prova jintlaħaq b'suċċess.

Fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Peter Ebejer[22] , ġie riaffermat illi l-grad ta' prova li trid tilħaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jħalli ebda dubju dettat mir-raġuni u mhux xi grad ta' prova li ma jħalli ebda ombra ta' dubju, għaliex l-ombra ta' dubju ma jistax jitqies li huwa dubju li huwa dettat mir-raġuni. Fi kliem ieħor, dak li l-ġudikant irid jasal għalih hu, li wara li jqis iċ-ċirkostanzi u l-provi kollha, u dejjem bl-applikażżjoni tal-buon sens tiegħu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni[23].

Illi kif ingħad ukoll f' diversi sentenzi fosthom Il-Pulizija v. Ali Mohammed Ali Alturouq[24], il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) riteniet

> "20. U huwa biss meta jkun hemm id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, ċjoe d-dubju li jibqa' jippersisti wara li jsir stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża li mbagħad, jekk jibqa' jippersisti dan id-dubju, jkun jista' jingħad li dak il-livell ta' sikurezza, ossija suffiċjenza probatorja lil ħinn minn kull dubju dettat mir-raġuni ma jkunx intlaħaq; u li allura bħala konsegwenza, il-Qorti ma tkunx tista' tiddikkjara lill-ħati tal-akkużi miġjuba kontrih."

[22] Deciza 5 ta' Dicembru 1997
[23] Lord Denning fil-każ Miller vs Minister of Pension (1974 - 2 ALL ER 372), fir-rigward tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt' qal awtorevolment:- "Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong aġainst a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but notħing shall of that will suffice.
[24] Qorti tal-Appell (Inferjuri), Appell Nru. 17/2021, decizia 24.06.2021

**Ikkunsidrat**

**Fuq l-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba' imputazzjoni**

Illi fil-każ in ezami l-provi li l-Qorti ghandha a dispozizzjoni taghha jikkonsistu minn xhieda tal-pulizija u b' mod partikolari x-xhieda taz-zewgt pulizija li kienu patrol u li waqfu lil imputat u cioe' PS 1444 Kenneth Brigniano[25] u PC 8 Tyrone Bugeja[26]**.** Ix-xhieda l-oħra aċċedew fuq il-post wara li l-imputat ġie arrestat u allura x-xhieda taghhom mhux daqshekk relevanti għad-deliberazzjoni fuq is-sejbien ta' ħtija jew le tal-imputat.

Qed jiġi konstatat ukoll li ma ttellat ebda' xhieda tal-parti leża, ie il-kappillan ta' Rahal Gdid, xhieda li fl-opinjoni mtal-Qorti hija relevanti għaliex l-alleġat attentat reat sar fuq il-bieb tad-dar tar-residenza tal-kappillan, ma tellat ebda' prova fuq d-danni li l-imputat qed jiġi akkuzat li ikkaguna u l-anqas ma hemm prova ta' espert tekniku u ma ttiehdu ebda' finger-prints minn fuq il-bieb.

Illi essenzjalment mill-provi li tressqu jirriżulta li waqt il-pulizija kienet patrol wara l-knisja ta' Rahal Gdid għal ħabta ta' 00:45 hrs lemħu persuna viċin bieb. Hemm divergenzi fiz-zewgt verzjonijiet mogħtija mill-pulizija li kienu patrol dak il-ħin, PS 1444 Kenneth Brigniano jixhed li mill-gemb raha xi ħaġa "qisa ġarbage bag" ma bieb mill-gemb, irriversjaw u raha persuna tinqala' minn mal-bieb u jitlaq għal go Triq Guze' Damato. Minn naha l-oħra PC 8 Tyrone Bugeja[27], jixhed li kien hemm persuna ra "persuna kokka qisu qed jipprova jiftah bieb". Qed jiġi rimarkat li l-Qorti hija propensa li temmen ix-xhieda ta' PS 1444 Kenneth Brigniano[28] għaliex huwa difficli li wieħed jara persuna jipprova jiftah bieb minn kantuniera l-boghod. Ix-xhieda ta' bejn il-pulzija ma hijiex preċiza u konkordanti u d-dubju għandu jimmilita favur l-imputat.

---

[25] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-10 ta' April 2018, fol. 25 -27 tal-proċess
[26] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-16 ta' Ottubru 2017, fol. 40 – 45 tal-proċess
[27] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-16 ta' Ottubru 2017, fol. 40 – 45 tal-proċess
[28] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-10 ta' April 2018, fol. 25 -27 tal-proċess

Dwar l-alleġat ħsara fuq il-bieb qed jiġi rilevat li provi jikkonsistu f' sett ta' tlett ritratti ghar-ritratti *black and white* eżebiti a fol 37 u 39 tal-proċess. Il-Qorti tikkunsidra ukoll li ma nġiebet ebda' prova li l-marki fuq il-bieb kif murija fir-ritratt li jinstab a fol. 39 tal-proċess saru mill-imputat bl-għodda li nstab fil-baskett tiegħu. Il-Qorti trid timxi fuq il-provi li ghandha a dispozizzjonijiet taghħa u mhux fuq opinjonijiet jew konġetturi minn xhieda ta' dak li seta' ġara.

Fuq l-allegat sgass PS 1444 Kenneth Brigniano jixhed li mar jiccekja l-bieb u li Fuq l-istat tal-bieb jixhed "stajt ninnota li kien hemm daqqiet ta' sġass friski, kif ukoll frak għadhom fuq it-tarġa."[29] Qed jiġi kunsidrat li l-Qorti trid tevalwa l-assjem tal-provi li ghandha a dispozizzjoni taghha u qed tikkunsidra li l-assjem tal-provi ma humiex sufficjenti u ma jipprovdiex iċ-ċertezza morali sabiex jinstab ħtija fuq l-intimat.

**Decide**

1. Ghal dawn il-motivi, l-Qorti, wara li rat l-Artikolu tal-Ligi u cioe' *Art. 41, Art. 261 (a), (b), (c), (e), (f), Art 263 (a), Art 267, Art 269 (a), Art 270,* l-artikolu 5(1)(d), l-artikoli 338 (i) u (w), l-Artikolu 330, 264, 265, 266 Artikli 325 (1)(c), Artikolu 287, artikoli 49 u 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 22 tal-Kap. 466 qegħda ssib lil Christopher Briffa mhux ħati tal-imputazzjonijiet kollha stante li ma ġewx soddisfaċentement ippruvati sal-grad rikjest mill-Liġi u għalhekk qegħdha tilliberah minn kull ħtija u piena dwarhom.

**MAGISTRAT DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**

**Doris Serpina Sciberras**

**Deputat Registratur**

---

[29] Fol. 26